# PITTURA TAL-GRAN MASTRU VILHENA MAL-PAĠĠI

# MISLUFA MINN MALTA ESEBITA FI SPANJA

**Stqarrija| 19 ta' Jannar 2024**

Pittura tas-seklu 18 li turi lill-Gran Mastru Vilhena mal-paġġi, meħuda mill-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta, bħalissa qed tifforma parti minn wirja fil-Museo Naval de Madrid fi Spanja, permezz ta' kollaborazzjoni ma' Heritage Malta.

Il-wirja, imsemmija 'The Mark of Jorge Juan - The Legacy of an Enlightened Scientist', timmarka l-250 sena mill-mewt ta' wieħed mill-aktar baħħara brillanti fl-istorja tal-qawwa navali Spanjola, Jorge Juan de Santacilia.

Il-marka ta' Jorge Juan baqgħet tinħass f'bosta oqsma bħall-politika, l-ekonomija, l-armata, l-istorja, in-natura, il-ġeografija, l-astronomija, il-bini ta' bastimenti, u t-tagħlim, fost ħafna aktar, u b'hekk kien kontributur qawwi fil-ħsieb illuminat ta' żmienu.

Permezz ta' ħames temi estensivi, din il-wirja fil-kapitali Spanjola toffri lenti aktar wiesgħa minn dik li s'issa ntużat biex ġie mistħarreġ dan il-bniedem intriganti. Ir-rabta tiegħu mal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta hija spjegata fl-ewwel minn dawn it-temi, li tirrakkonta l-vjaġġ tiegħu lejn Malta bħala tifel ċkejken fl-1722 biex jidħol fl-Ordni, fejn eventwalment ġie promoss bħala paġġ tal-Gran Mastru fl-1725.

Għalkemm mhux datata, pittura taż-żejt fuq it-tila mill-Palazz tal-Gran Mastru fil-Belt Valletta, li turi lill-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena mal-paġġi, kienet identifikata bħala rappreżentazzjoni plawsibbli ħafna ta' Jorge Juan ta' età żgħira, abbażi tas-snin tiegħu fl-Ordni. Eventwalment dan wassal għas-self tagħha minn Heritage Malta lill-Museo Naval de Madrid biex tifforma parti minn din il-wirja dwaru

Din il-pittura, xogħol l-artist Malti Enrico Regnaud, kienet inħolqot biex tiċċelebra l-għotja mill-Papa Benedittu XIII ta' Xabla u Kappell imberkin lill-Ordni. Dawn tbierku fil-Vatikan lejlet il-Milied tal-1724 u waslu Malta fit-3 ta' Mejju tas-sena ta' wara, qalb ċelebrazzjonijiet kbar.

Il-wirja se tkompli għaddejja sa tmiem Marzu li ġej. Għal aktar tagħrif tista' żżur din il-paġna: https://armada.defensa.gob.es/ArmadaPortal/page/Portal/ArmadaEspannola/cienciaorgano/prefLang-en/01cienciamuseo--04exposiciones--01actual

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta